

Brussell, 22 ta' Novembru 2021  
(OR. en)

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2021/0293(COD)

---

13809/1/21  
REV 1

LIMITE

TELECOM 415  
DIGIT 158  
CYBER 289  
COMPET 805  
RECH 501  
PI 108  
MI 834  
EDUC 376  
JAI 1212  
ENFOPOL 421  
COSI 223  
CODEC 1459

#### NOTA

---

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	11900/21
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 "Il-Perkors għad-Deċennju Diġitali" - Rapport ta' progress

---

#### I. INTRODIZZJONI

1. Il-Kummissjoni adottat il-proposta għal Deċiżjoni li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 "Il-Perkors għad-Deċennju Diġitali" (PtDD) fil-15 ta' Settembru 2021<sup>1</sup>. Il-programm ta' politika għandu l-għan li jiżgura li l-UE tilħaq l-oġettivi u l-miri tagħha lejn trasformazzjoni diġitali tas-soċjetà u tal-ekonomija tagħna f'konformità mal-valuri tal-UE, filwaqt li ssaħħaħ it-tmexxija diġitali u r-reżiljenza tagħha kif ukoll tippromwovi politiki diġitali li jkunu ffukati fuq il-bniedem, inklużivi u sostenibbli u li jsaħħu l-pożizzjoni taċ-ċittadini u tan-negozji.

---

<sup>1</sup> dok. 11900/21.

2. Il-proposta tfakkar fil-miri diġitali konkreti li l-Unjoni kollha kemm hi mistennija tilħaq sa tmien id-deċennju, kif jinsabu fil-Komunikazzjoni dwar il-Kumpass Diġitali fid-9 ta' Marzu 2021. Imbagħad tiddekrivi forma ġdida ta' governanza mal-Istati Membri, permezz ta' mekkaniżmu ta' kooperazzjoni annwali bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri biex jiġi żgurati li l-Unjoni tilħaq l-ambizzjoni tagħha b'mod konġunt.

B'mod aktar speċifiku, l-għan huwa li jinkisbu:

- Ħiliet diġitali bażiċi għal mill-inqas 80 % tal-popolazzjoni u 20 miljun professjonist diġitali b'ħiliet għolja;
- Infrastrutturi diġitali sostenibbli siguri u effiċjenti (Gigabit għal kull dar, 5G fiż-żoni popolati kollha, produzzjoni oġġla ta' semikondutturi, nodi siguri tal-cloud edge u kompjuters b'aċċellerazzjoni kwantistika);
- Trasformazzjoni diġitali tan-negozji (3/4 tal-kumpanniji tal-UE li jużaw Cloud/AI/Big Data, finanzjament ta' unicorns, intensità diġitali għall-SMEs);
- Diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi (100 % disponibbiltà online ta' servizzi pubbliċi u rekords mediċi, 4/5 tal-popolazzjoni tal-UE li tuża l-eID).

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni pproponiet mekkaniżmu ta' kooperazzjoni kontinwa bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri biex jiġu identifikati modi għall-indirizzar tan-nuqqasijiet f'oqsma fejn l-aktar rapport annwali reċenti jindika lakuni u nuqqasijiet sinifikanti. Il-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-progress diġitali ser jiġi ppreżentat f'rapport annwali dwar "L-Istat tad-Deċennju Diġitali", u ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. Fil-Parlament Ewropew, il-proposta ġiet assenjata lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE). Ir-rapporteur għall-fajl hija Martina Dlabajová (Renew Europe, Ċekja). Il-Kumitat ITRE għadu ma adottax ir-rapport tiegħu.
4. Fis-27 ta' Ottubru 2021, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew intalab jaġġi l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta, li hija mistennija fl-ewwel kwart tal-2022. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ġie kkonsultat fl-10 ta' Novembru 2021 u l-opinjoni tiegħu hija mitluba sal-aħħar ta' Jannar 2022.

## II. ĦIDMA FIL-KUNSILL

5. Fil-Kunsill, l-eżami tal-proposta sar mill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Telekomunikazzjoni u s-Soċjetà tal-Informazzjoni (minn hawn 'il quddiem: il-Grupp ta' Ħidma TELECOM). Id-diskussjonijiet inbdew mill-Presidenza Slovena matul il-laqgħa tat-28 ta' **Settembru** 2021. Id-delegazzjonijiet laqgħu tajjeb l-inizjattiva kif ukoll l-importanza li jiżdiedu l-isforzi għal trasformazzjoni diġitali f'kuntest wara l-kriżi tal-COVID. Huma faħħru wkoll il-flessibbiltà mogħtija lill-Istati Membri biex jiksibu l-miri diġitali. Fl-istess ħin, l-iskeda ta' żmien stabbilita mill-Kummissjoni tqieset bħala ambizzjuża ħafna (fil-kuntest tat-tnejn tal-pjanijiet direzzjonali nazzjonali) u xi delegazzjonijiet indikaw il-preferenza tagħhom għal kooperazzjoni mhux vinkolanti bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri milli għal mekkaniżmu sħiħ u vinkolanti ta' monitoraġġ u kooperazzjoni.

Imbagħad id-diskussjoni ffukat ukoll fuq il-ħtieġa li jiġi indirizzat ir-riskju ta' frammentazzjoni bejn żoni tal-UE avvanzati teknoloġikament u żoni oħra anqas avvanzati, mifruq fuq diversi industrij u gruppi tal-popolazzjoni. Fl-aħħar nett, kien hemm xi inkjesti dwar il-finanzjament disponibbli tal-UE u xi biża' ta' duplikazzjoni tal-isforzi fir-rigward tal-introduzzjoni tal-Konsorzji għal Infrastruttura Diġitali Ewropea (EDICs), strument għdid maħsub biex jiffaċilita l-implimentazzjoni ta' Proġetti f'Diversi Pajjiżi (MCPs).

6. Il-laqgħa tad-19 ta' **Ottubru** kienet iddedikata għall-ewwel erba' artikoli tad-Deċiżjoni, li jkopru s-suġġett, id-definizzjonijiet, l-oġettivi ġenerali u l-miri. Il-mistoqsijiet kienu l-aktar fuq il-forma legali magħżula, il-ħtieġa li tissaħħaħ id-dimensjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika/diġitali fost l-oġettivi, il-konsegwenzi tan-nonkonformità, u żieda potenzjali fil-piż amministrattiv għas-settur pubbliku u l-SMEs.

7. Fis-16 ta' **Novembru**, il-laqgħa bdiet bil-kummenti u l-mistoqsijiet li kien fadal dwar l-Artikolu 4. Minħabba d-differenzi diġitali fl-Istati Membri u bejn Stat Membru u ieħor, il-livell ta' ambizzjoni tqies kemm bħala għoli wisq jew bħala baxx wisq, xi drabi skont il-miri kkunsidrati. Xi delegazzjonijiet enfasizzaw il-ħtieġa ta' kjarifika li l-miri mhumiex legalment vinkolanti u li jekk ma jinkisbux ma jwassalx għal sanzjonijiet fir-rigward tal-Istati Membri, filwaqt li oħrajn argumentaw li xi formulazzjonijiet jeħtieġu definizzjoni għall-fini ta' implimentazzjoni u koerenza ġenerali. Fl-aħħar nett, kien hemm inkjesti dwar ċerti ċifri użati mill-Kummissjoni fir-rigward tal-miri varji.
8. Il-Kummissjoni diġà tat tweġibiet preliminari għat-tħassib imsemmi hawn fuq, filwaqt li nnotat b' mod partikolari l-approċċ ambizzjuż iżda bbilanċjat tal-proposta li jagħti prijorità lill-flessibbiltà u lill-kooperazzjoni. Il-Kummissjoni enfasizzat ukoll li l-miri diġitali ma jkunux vinkolanti la fil-livell tal-UE u lanqas fil-livell nazzjonali, filwaqt li l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni ser ikun vinkolanti sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu l-oġettivi u l-miri sal-2030. Il-Kummissjoni ppreżentat f'aktar dettall il-valur tal-EDIC f'sessjoni ta' ħidma organizzata fit-22 ta' Novembru. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni fakkret lill-Istati Membri fl-importanza li tiġi ffinalizzata l-adozzjoni tal-fajl jekk possibbli fl-ewwel nofs tal-2022 sabiex ikun jista' jsir l-ewwel ċiklu ta' monitoraġġ annwali kif ukoll l-ewwel EDIC sal-2023.
9. Il-Presidenza Slovena ser tagħmel ħilitha biex tikkonkludi b'suċċess l-ewwel qari tal-proposta matul il-mandat tagħha. F'kollaborazzjoni mal-Presidenza Franċiża li jmiss, il-Presidenza Slovena ser titlob kummenti u suġġerimenti uffiċjali mid-delegazzjonijiet qabel tmiem is-sena, bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-abbozzar tal-ewwel proposta ta' kompromess mill-Presidenza Franċiża kmieni fl-2022 bħala fajl ta' prijorità.

### **III. KONKLUŻJONI**

10. Il-COREPER huwa mistieden jieħu nota ta' dan ir-rapport ta' progress mill-Presidenza, bil-ħsieb li jippreżentah lill-Kunsill TTE Telekomunikazzjoni fil-laqgħa tiegħu tat-3 ta' Diċembru 2021.